# Animazzjoni - Ir-Raba' Ħadd tal-Għid (Sena Ċ)

**Dħul:**

F'dan ir-Raba' Ħadd tal-Għid li fih niċċelebraw ukoll Jum il-Vokazzjonijet, il-liturġija tistedinna sabiex ma nibżgħu qatt inqiegħdu t-tama tagħna fil-Mulej.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fil-Liturġija tal-Kelma jispikka l-irwol tar-ragħaj, dak li warajh jeħtieġ li jimxu l-ġnus. Dan ir-ragħaj huwa Ġesù li l-ħidma tiegħu qed tiġi mkomplija mill-Appostli. Quddiem ir-rifjut ir-ragħaj m' għandux għax jaqta qalbu iżda għandu jkompli jfittex li jxandar l-Evanġelju. Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**Salm Responsorjali:** Aħna l-poplu tiegħu u n-nagħaġ tal-mergħa tiegħu.

**Offertorju:**

Ejjew inroddu ħajr lil Alla għall-ġid kollu li jagħmel magħna. Nuru dan ir-radd il-ħajr bl-offerta li sejrin noffru f'dan il-mument. Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Kull darba li nersqu biex nirċievu lil Ġesù fl-Ewkaristija, inġeddu l-għaqda tagħna miegħU. Nersqu għalhekk għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.